# IL-POLITIKA SOĊJALI U TAL-IMPJIEGI: IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

Matul is-snin, l-integrazzjoni Ewropea wasslet għal żviluppi soċjali sinifikanti. L-iktar eżempju reċenti huwa l-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tiżgura kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aħjar madwar l-Ewropa.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u l-Artikoli 9, 10, 19, 45-48, 145-150 u 151-161 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Il-promozzjoni tal-impjiegi, kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol imtejba, protezzjoni soċjali xieraq, djalogu bejn il-maniġment u l-membri l-oħra tal-persunal, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bil-għan li jiġi żgurat livell tal-impjiegi dejjem għoli u l-prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali huma l-objettivi komuni tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-oqsma soċjali u tal-impjiegi, kif deskritt fl-Artikolu 151 tat-TFUE.

## IL-KISBIET

### A. Mit-Trattat ta' Ruma sat-Trattat ta' Maastricht

Sabiex il-ħaddiema u l-familji tagħhom setgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mid-dritt li jiċċaqalqu u jfittxu impjieg b'mod liberu fis-suq komuni, it-Trattat ta' Ruma ppreveda l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri. Huwa stabilixxa l-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u n-nisa, li ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala direttament applikabbli, u ppreveda l-istabbiliment tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) (2.3.2).

It-tħassib dwar l-iżbilanċji strutturali u d-differenzi fit-tkabbir madwar l-Ewropa mbagħad wasslu għal politika soċjali iktar proattiva fil-livell Komunitarju. Fl-1974, il-Kunsill adotta l-ewwel Programm ta' Azzjoni Soċjali.

L-Att Uniku Ewropew (SEA) introduċa dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-Kunsill aġixxa b'maġġoranza kkwalifikata b'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew u adotta għadd ta' direttivi li stabbilixxew ir-rekwiżiti minimi f'dan il-qasam. L-Att Uniku Ewropew ta lok biex is-sħab

soċjali fil-livell Ewropew jinnegozjaw ftehimiet kollettivi u stabbilixxa politika Komunitarja għall-koeżjoni ekonomika u soċjali.

Sadanittant kiber il-kunsens dwar il-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lill-fatturi soċjali konnessi mal-ikkompletar tas-suq intern. Wara dibattiti twal, il-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema (il-Karta Soċjali) ġiet adottata fis-Samit ta' Strasburgu f'Diċembru tal-1989 mill-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern ta' 11-il Stat Membru, minbarra r-Renju Unit li għażel li jibqa' barra.

**B.** Mit-Trattat ta' Amsterdam għat-Trattat ta' Lisbona

Din is-sitwazzjoni skomda ta' bażi ġuridika doppja, maħluqa min-nonparteċipazzjoni tar-Renju Unit, ġiet finalment riżolta bl-iffirmar tat-Trattat ta' Amsterdam, meta l-Istati Membri kollha, inkluż ir-Renju Unit (wara bidla fil-gvern) qablu li jinkorporaw il-Ftehim dwar il-Politika Soċjali fit-test tat-Trattat KE b'xi tibdiliet żgħar (l-Artikoli 151 sa 161 tat-TFUE). Fl-Artikolu 153, il-proċedura ta' kodeċiżjoni ssostitwiet il-proċedura ta' kooperazzjoni u ġiet estiża wkoll għad-dispożizzjonijiet relatati mal-Fond Soċjali Ewropew (2.3.2), mal-moviment ħieles tal-ħaddiema u mas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema migranti Komunitarji (2.3.4). L-Artikolu 19 ġdid ta lill-KE l-kapaċità li "tieħu azzjoni adatta biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali". Ftit wara, abbażi ta' dan, ġew adottati żewġ direttivi: id-Direttiva 2000/43/KE dwar it-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva 2000/78/KE dwar qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.

It-Trattat ta' Amsterdam inkluda wkoll il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi fost l-għanijiet tal-UE u poġġa fuq il-KE r-responsabbiltà li ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam, li tinkuraġġixxi l-kooperazzjoni bejniethom u li tiżviluppa "strateġija koordinata", b'mod speċifiku l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi (l-Artikoli 145-150 tat-TFUE), abbażi ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) (2.3.3).

Waqt is-Summit ta' Nizza, fis-sena 2000, ġiet adottata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, abbozzata minn konvenzjoni speċjali. Inħoloq Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (l-Artikolu 160 tat-TFUE) fir-rigward tal-politiki tal-protezzjoni soċjali, iżda l-proposti kollha biex titwessa' l-proċedura ta' kodeċiżjoni ġew miċħuda.

Fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Lisbona fl-2005, il-linji gwida dwar l-impjiegi adottati fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi ġew inkorporati fil-linji gwida integrati għat-tkabbir u l-impjiegi.

Fl-2005, ġiet adottata aġenda soċjali ġdida għall-perjodu 2006-2010 sabiex takkumpanja t-tnedija mill-ġdid tal-Istrateġija ta' Lisbona. Fl-2007, inħoloq Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) biex jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg minħabba t-tibdil fix-xejriet tal-kummerċ globali (2.3.2).

It-Trattat ta' Lisbona tal-2007 ta lok għal progress ulterjuri fil-konsolidazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-integrazzjoni Ewropea. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea issa qed jenfasizza l-objettivi soċjali tal-UE, inklużi l-impjieg sħiħ u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (l-Artikolu 3). L-Artikolu 6 jirrikonoxxi li l-Karta tad-Drittijiet

Fundamentali għandha l-istess saħħa vinkolanti bħat-Trattati. Il-Karta nnifisha tirrikonoxxi l-hekk imsejħa "drittijiet ta' solidarjetà", bħalma huma d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, kif ukoll id-dritt ta' negozjar kollettiv, għal kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti, għas-sigurtà soċjali u għall-assistenza soċjali. Iddaħħlet klawżola soċjali orizzontali fit-TFUE, li tirrikjedi li l-UE tissodisfa l-objettivi soċjali msemmija hawn fuq meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet l-oħra tagħha (l-Artikolu 9).

**C.** Żviluppi mit-Trattat ta' Lisbona

L-istrateġija Ewropa 2020, li ġiet adottata fl-2010 f'kuntest ta' kriżi finanzjarja u ekonomika, tistabbilixxi t-tkabbir inklużiv — bit-trawwim ta' ekonomija b'livell għoli ta' impjiegi li twassal għal koeżjoni soċjali u territorjali — bħala wieħed mill-oqsma ta' prijorità tagħha. L-istrateġija tistabbilixxi wkoll ħames miri ewlenin, fosthom objettiv soċjali importanti (li jiġi żgurat li jkun hemm 20 miljun persuna inqas fir-riskju ta' faqar sal-2020), u impenn imġedded favur l-impjiegi (mira ta' rata ta' impjieg ta' 75 % għall-grupp ta' bejn l-64 u l-20 sena). Ġew stabbiliti seba' inizjattivi ewlenin biex jgħinu fil-kisba ta' dawk il-miri. Dawn jinkludu l-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi, li tiffoka fuq it-tiġdid tal-politiki ta' flessigurtà; Żgħażagħ Attivi, li hija mfassla biex ittejjeb kemm il-mobilità kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ; u l-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2.3.9). Il-progress ta' dawn l-inizjattivi qed jiġi ssorveljat fi ħdan iċ-ċiklu annwali ta' governanza ekonomika tal-UE: is-Semestru Ewropew. B'reazzjoni għal-livelli ta' faqar dejjem ogħla, fl-2014 ġie stabbilit il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD). Dan jipprovdi ikel u assistenza materjali bażika, flimkien ma' attivitajiet ta' inklużjoni soċjali.

F'April tal-2017, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jistabbilixxi 20 prinċipju u dritt fundamentali b'appoġġ għal proċess imġedded ta' konverġenza lejn kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aħjar. Dawn huma strutturati madwar tliet kategoriji: (i) aċċess u opportunitajiet ugwali għas-suq tax-xogħol, (ii) kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u (iii) inklużjoni u protezzjoni soċjali. Waqt is-Samit Soċjali f'Gothenburg, f'Novembru tal-2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni ssottolinjaw l-impenn kondiviż tagħhom permezz tal-adozzjoni ta' proklamazzjoni komuni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, f'oqsma bħalma huma d-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, huma konnessi mal-implimentazzjoni tal-pilastru. Il-Pilastru Soċjali huwa akkumpanjat b'"tabella ta' valutazzjoni soċjali" sabiex jissorvelja l-progress (2.3.9), u b'approċċ ġdid li jintegra l-prijoritajiet soċjali fil-politiki kollha, bħalma huma l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-Unjoni tal-Enerġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li tiġi stabbiliti Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u l-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwarha fi Frar tal-2019.

F'Diċembru tal-2017, il-Kummissjoni pproponiet direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli. Din għandha l-għan li tipprovdi lill-ħaddiema — li huma definiti bħala persuni fiżiċi li għal ċertu perjodu ta' żmien iwettqu servizzi għal persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha għal rimunerazzjoni — sett bażiku ta' drittijiet ġodda. Fost miżuri oħrajn, din tinvolvi li l-ħaddiema jingħataw id-dritt għal informazzjoni aktar speċifika dwar l-aspetti essenzjali tax-xogħol tagħhom; li jiġi stabbilit limitu fuq it-tul tal-

perjodi ta' prova fil-bidu ta' impjieg; li jiżdiedu l-opportunitajiet biex wieħed ifittex impjieg addizzjonali billi jiġu pprojbiti l-klawżoli ta' esklużività; li ssir notifika bil-quddiem tas-siegħat ta' referenza u jingħata taħriġ obbligatorju mingħajr ħlas. Il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar id-Direttiva, li ġie adottat mill-Parlament f'April tal-2019; issa jonqsu l-konferma mill-Kunsill.

Barra minn hekk, f'Marzu tal-2018, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom. Din għandha l-għan li tagħlaq il-lakuni tal-kopertura formali billi tiżgura li l-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom li jaħdmu f'kondizzjonijiet komparabbli jkunu jistgħu jkunu membri ta' sistemi tas-sigurtà soċjali korrispondenti. Waħda mir-rakkomandazzjonijiet tagħha hija, barra minn hekk, li jiġi ffaċilitat it-trasferiment tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali minn xogħol għall-ieħor.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Minkejja li r-rwol tal-Parlament ilu għal żmien twil wieħed purament konsultattiv u superviżorju, huwa dejjem kien attiv fl-iżvilupp tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjiegi. Sa mill-fażijiet bikrija tal-integrazzjoni Ewropea, il-Parlament sikwit appella għal politika soċjali aktar attiva, sabiex tiġi riflessa l-importanza dejjem ikbar tal-UE fix-xena ekonomika, u appoġġja l-proposti differenti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Il-Parlament kien involut iktar mill-qrib fit-tħejjija tat-Trattat ta' Amsterdam milli fir-reviżjonijet preċedenti tat-Trattati, u ċerti innovazzjonijiet importanti jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, bħal pereżempju l-inkorporazzjoni tal-Ftehim Soċjali u ż-żieda ta' kapitolu dwar l-impjiegi.

Meta kienet qed tiġi żviluppata l-Istrateġija ta' Lisbona, il-Parlament insista li l-kunsiderazzjonijiet soċjali u dawk relatati mal-impjiegi għandu jkollhom rwol fit-tfassil tal-istrateġiji ta' tkabbir li jkunu se jiġu implimentati fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Huwa ddikjara li l-ilħuq ta' livell għoli ta' protezzjoni soċjali għandu jkun ċentrali għall-Istrateġija ta' Lisbona, u kkunsidra li ma kienx aċċettabbli li n-nies ikollhom jgħixu taħt is-soll tal-faqar jew f'qagħda ta' esklużjoni soċjali. Huwa kien tal-fehma wkoll li l-Istrateġija ta' Lisbona ma ffissatx objettivi li jorbtu biżżejjed fl-isfera soċjali, u stieden lill-Istati Membri jissorveljaw mill-qrib l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjiegi tar-riformi implimentati fi ħdan il-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020. Bl-istess mod, wieħed mill-messaġġi mwassla mill-Parlament waqt id-dibattitu dwar il-kriżi ekonomika kien sejħa soda għal impenn tal-UE sabiex tippreżerva l-mudelli soċjali Ewropej u Ewropa soċjali b'saħħitha.

Peress li l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 huma ssorveljati u implimentati bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew, il-Parlament insista ripetutament li l-miri tal-impjieg u dawk soċjali jiġu integrati b'mod aktar effettiv fis-Semestru Ewropew pereżempju, inter alia, billi l-indikaturi soċjali jsiru vinkolanti u l-indikaturi jiġu estiżi biex ikopru l-faqar fost it-tfal u x-xogħol deċenti.

Fl-aħħar nett, il-Parlament kien kritiku ħafna tal-miżuri, bħal pereżempju l-programmi ta' aġġustament ekonomiku, meħuda barra mill-qafas supranazzjonali. F'Marzu tal-2014, huwa ddikjara li l-istituzzjonijiet ġenwinament demokratiċi biss għandhom jidderieġu

l-proċess politiku tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' aġġustament għall-pajjiżi f'diffikultajiet finanzjarji serji.

Il-Parlament ikkonferma wkoll ir-rispett tiegħu lejn il-valuri soċjali fl-ambitu ta' deċiżjonijiet dwar l-użu tar-riżorsi finanzjarji mill-baġit tal-UE. Bis-saħħa tal-Parlament, fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2014-2020, il-Fond Soċjali Ewropew (2.3.2) — l-għodda ewlenija tal-Ewropa fil-ġlieda kontra l-qgħad u l-esklużjoni soċjali — se jkun responsabbli għal 23.1 % tal-finanzjament totali tal-UE għall-koeżjoni, filwaqt li 20 % tal-allokazzjoni tal-FSE ta' kull Stat Membru trid tmur għall-inklużjoni soċjali.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jippromwovu l-konverġenza soċjali fl-UE. Huwa talab ukoll lill-Kummissjoni tiddefinixxi u tikkwantifika l-kunċett tagħha ta' ġustizzja soċjali. Kienet saret talba simili fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2017.

Fid-19 ta' Jannar 2017, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Filwaqt li tħaddan kompletament l-inizjattiva tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, ir-riżoluzzjoni tenfasizza l-importanza li jiġi infurzat sett ta' drittijiet bażiċi għal kulħadd u tistieden lis-sħab soċjali u lill-Kummissjoni jaħdmu flimkien biex jippreżentaw proposta għal direttiva qafas dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

Stefan Schulz
04/2019